# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Sittax (16) ta' Ġunju 2020**

**Rikors Numru 18/17 FDP**

Fl-ismijiet

**Emanuel Caruana**
**(ID 673756M)**

**Vs**

**Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u**
**l-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 30 ta' Marzu 2017, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi l-esponent jaħdem bħala "Detention Service Officer";*

    2. *Illi huwa tressaq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina akkużat b'diversi nuqqasijiet li allegatament huwa għamel fuq il-post tax-xogħol tiegħu;*

    3. *Illi permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-10 ta' Ottubru 2016 il-Bord ta' Dixxiplina iddeċieda kif ġej:*

        *"Between 13 and 23 May 2016 Mr. Emanuel Caruana had used foul language as per the evidence given by Support Worker Mr. Henry Caruana and the relevant incident reports submitted by co-workers.*

*Between 13 and 23 May 2016 Mr Emanuel Caruana washed his car on duty when such action is prohibited. Even if Mr. Caruana argues that this was during his break period - CCTV footage indicates that he spent more than his 30 minutes break entitlement to wash his car.*

*Between 13 and 23 May 2016 Mr Emanuel Caruana had permitted unauthorised people to enter the centre as claimed by CEO Mr. Baldacchino, Ms. Pisani and Mr. Henry Caruana. Note was taken that Mr. Baldacchino later denied knowing anything about entry by Carmelo Cassar although he had reported the matter by email on 23 May 2016. In any case CCTV footage proves these allegations supported by Ms. Pisani and Mr. Henry Caruana.*

*On 22 May 2016 Mr. Emanuel Caruana was seen fishing by Mr. Henry Caruana and Mr. Baldacchino. Both claimed to have seen him with a fishing line. During the first hearing Mr. Pisani had denied seeing him fishing but later claimed that DSO Caruana was seen with a very large rod. In any case two people witnessed the incident.*

*On 11 May 2016 Mr. Caruana had admitted to leaving his work premises earlier than scheduled on 11 May 2016 however he had failed to inform his superiors at the Detention Service, Safi. Furthermore he had written a statement addressed to Mr. F. Grech, Operations Manager, Detention Service, informing that he had left early due to an emergency at home when in actual fact two witnesses claimed that he had left early for Sicily."*

*4. Illi l-esponenti ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u minnha huwa intavola Appell quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku bis-segwenti aggravji;*

*"Illi dak li qiegħed jiġi allegat skont l-appellant ma kienx ġie irrapurtat fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol skond l-Artikolu 5 tal-Liġi Sussidjarja Kost. Numru 3. Għalhekk l-ebda passi ma setgħu jittieħdu kontra l-appellant.*

*llli mingħajr preġudizzju għal dan, il-Bord ta' Dixxiplina naqas b'mod lampanti li josserva l-proċedura f'dan il-każ.*

*Jidher fil-fatt li wara s-seduta li inżammet fis-17 ta' Awwissu 2016 il-Bord bagħat "draft report lill-membru tal-kumitat għal kummenti tagħhom pero' jidher li mbagħad sab diffikulta' fil-provi li nġabru'. Minħabba din id-diffikulta' fil-provi il-Bord talab direzzjoni u premess mingħand il-Kummissjoni sabiex issejjaħ lix-xiehda kif ukoll xhud ġdid biex b'hekk ikun jista' jasal għal konklużjonijiet aktar ċari.*

*Illi bir-rispett kollu, l-appellant qatt ma kien infurmat bid-diffikultajiet li irriskontra l-Bord. Li jaf l-appellant huwa li l-Bord appunta s-seduta tas-17 ta' Awwissu 2016 fejn għal liema seduta attenda l-appellant kif assistit minn l-avukat tal-fiduċja tiegħu.*

*F'dik is-seduta inqraw l-akkużi fil-konfront tiegħu u nstema' r-rappreżentant tad-dipartiment fuq iċ-ċirkustanzi li wassal lill-Kap tad-Dipartiment sabiex jieħu azzjoni fil-konfront ta' l-appellant. Ġew ippreżentati CCTV stills li juru persuni dieħla u ħierġa mill-Marsa Open Center, il-Parking Area li kien qiegħed jintuża mill-ħaddiema tal-Marsa Open Center u kien jidher ukoll l-appellant jaħsel il-vettura tiegħu.*

*F'dan l-istadju l-appellant ammetta li kien vera li kien ħasel il-vettura tiegħu pero' dan kien għamlu fil-ħin tal-break. L-appellant ammetta wkoll li f'okkażjoni waħda huwa telaq kmieni mix-xogħol minħabba li kellu emerġenza d-dar u li huwa kien informa kollega tiegħu dwar dan.*

*Wara dan kien hemm qbil bejn il-partijiet sabiex jinstemgħu x-xhieda. Jidher li dakinhar instemgħu żewġ xhieda ossija Mr. Alexander Tortell u Ms Anne Marie Pisani.*

*Illi jidher li wara li nstemgħu dawn iż-żewġ xhieda saru sottomissjonijiet finali minn l-appellant u l-każ ġie differit għad-deċiżjoni.*

*Illi fit-23 ta' Awwissu 2016 pero' l-Bord iddeċieda li jerġa jisma' x-xhieda li kienu diġa' xehdu apparti li jisma' wkoll xhud ġdid.*

*Illi bir-rispett kollu din id-deċiżjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ġustizzja naturali. Fl-ewwelnett l-appellant lanqas kien preżenti għal din is-seduta u apparti dan huwa ma ġiex mogħti l-fakulta' li jsemma' leħnu u jiddefendi ruħu.*

*Illi ssir referenza għar-regolament numru 6 tal-Liġi Sussidjara kwotata aktar 'il-fuq li jgħid b'mod ċar li:*

> *"(1) Qabel ma jibda jinstema' l-każ, l-uffiċjali li jkun qed jiġi akkużat bir-reati msemmija fir-regolament 4 jkollu l-jedd ikun jaf x'inhu l-każ kollu kontra tiegħu, għandu jkollu opportunita' adegwata li jressaq id-difiża tiegħu u għandu jkollu aċċess għal kull prova dokumentarja. Kull prova dokumentarja li tinġieb wara li jibda s-smigħ tal-każ m'għandhiex tintuża kontra l-uffiċjal kemm-il darba l-uffiċjal ma jkunx ġie qabel pprovdut b'kopja tagħha jew ngħata l-faċilita' li jaraha u ġie mogħti żmien raġonevoli biex jikkonsidraha u jagħti risposta dwarha."*

*Illi jidher ċar li l-Bord ta' Dixxiplina injora b'mod assolut dan ir-regolament meta wara li nstemgħu x-xhieda li kienu imħarrka fil-*

*konfront tiegħu u wara li saru s-sottomissjonijiet finali ta' l-avukat difensur tiegħu, il-Bord iddeċieda li jerġa' jiftaħ il-każ mingħajr ma jagħti l-opportunita' lill-appellant li jsemma' leħnu fuq il-kwistjoni.*

*Illi huwa wkoll evidenti li l-appellant ma ngħatax id-dritt li jiddefendi ruħu peress illi ż-żewġ seduti li saru wara dik li nżammet fis-17 ta' Awwissu inżammu kollha fl-assenza tiegħu u tal-avukat tal-fiduċja tiegħu.*

*Illi mingħajr preġudizzju għal dan, il-Kap tad-Dipartiment ma żammx mal-proċedura taħt l-Artikolu 20 ta' l-istess Liġi Sussidjarja. Kif jidher mill-minuti tal-każ, l-appellant qatt ma ġie mogħti opportunita' adegwata li jagħmel risposta bil-miktub dwar l-akkużi magħmulin fil-konfront tiegħu.*

*Illi bla preġudizzju wkoll l-appellant ma ġiex mogħti l-fakulta' li jagħmel il-każ tiegħu quddiem il-Bord u dan peress li meta l-Bord iddeċieda jisma' x-xhieda mill-ġdid, wara li sema' dawn l-istess xhieda, il-Bord ma taħx il-fakulta' lill-appellant li jagħmel kontra eżami lil dawn ix-xhieda u wara jressaq ix-xhieda tiegħu sabiex jipprova l-każ tiegħu. Il-prinċipju 'audi alteram parte' jidher li għalhekk ġie miksur.*

*Illi 'dato ma non concesso' li l-proċedura mandatorja ma ġietx segwita, l-appellant bl-akbar rispett jissottometti li anke fuq il-mertu l-akkużi li inġabu fil-konfront tiegħu ma ġewx ippruvati u l-Bord ta' Dixxiplina ma setgħax b'mod raġonevoli u legali jasal għas-sejbien ta' ħtija fil-konfront tiegħu u dan kif se jiġi spjegat aktar fid-dettal fil-mori ta' dan l-appell.'*

*5. Illi sussegwentement, ir-rikorrenti fit-3 ta' Jannar 2017 ġie nfurmat li:*

*'The Commission noted that, in terms of regulation 30 of the Disciplinary Regulations, an appeal for a minor offence could only be considered on grounds of gross disregard of Disciplinary Regulations. Moreover, the Commission considered that none of the arguments submitted by you concerning alleged disregard of Disciplinary Regulations were valid.*

*In the Circumstances, the Commission has agreed that there had been no gross disregard of the Disciplinary Regulations and consequently no grounds for an appeal in terms of regulation 30(l)(c)'*

*6. Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri jidher ċar li nstemgħu xhieda fl-assenza tar-rikorrenti u/jew l-avukat tal-fiduċja tiegħu liema xhieda kienu diġa' xehdu, u l-provi dikjarati li kienu magħluqa;*

*7. Illi fl-assenza tar-rikorrenti u/jew l-avukat tiegħu dawn l-istess xhieda xehdu u taw verżjoni ferm differenti għax-xhieda li huma kienu taw fil-preżenza tar-rikorrenti;*

*8. Illi l-esponenti qatt ma kellu l-opportunita' li jagħmel kontro eżami għal dawn ix-xhieda ħlief fl-ewwel seduta tas-17 ta' Awissu 2016;*

*9. Illi apparti dan meta sar appell, r-rikorrenti ġie innegat ukoll l-opportunita' biex iressaq l-appell tiegħu;*

*10.Illi dan kollu jwassal b'mod ċar li esponenti ma ġiex mogħti smiegħ xieraq kif garantit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319) u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*11.Jidher ċar ukoll li kemm il-Bord kif ukoll il-Kummissjoni aġġixxiet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali hekk kif se jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;*

*12.Illi kif dejjem ġie ribadit, il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita' mogħtija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'impunita';*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet ta' l-esponenti, fosthom li jkollu smiegħ xieraq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina fosthom illi ssib lill-intimat ħati ta' ksur tas-smigħ xieraq, u konsegwentement tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fiċ-ċirkostanzi tagħti rimedju li jkun opportun.*

2. Rat illi fit-8 ta' Mejju 2017, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u l-Avukat Ġenerali wieġbu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*Illi fil-qasir il-lanjanza tar-rikorrent hija fis-sens li ġew leżi d-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba nuqqas ta' smigħ xieraq fil-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tiegħu quddiem il-Bord ta' Dixxiplina kif ukoll quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku dan allegatament bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.*

*Illi l-esponenti jirrespinġu dawn l-allegazzjonijiet bħala infondati fil-fatt u fid-dritt peress li, kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel, l-ebda aġir ta' l-esponenti ma kiser jew illeda xi dritt fundamentali tar-rikorrenti anzi mxew b'reqqa ma' dak li tistipula l-Liġi.*

*Illi bħala fatti jirriżulta li r-rikorrenti jaħdem bħala Detention Service Officer ġewwa ċ-Ċentru miftuħ tal-Marsa. Illi permezz ta' ittra datata 26 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti ġie mgħarraf li kienu ser jittieħdu passi dixxiplinarji fil-*

*konfront tiegħu minħabba numru ta' nuqqasijiet kommessi minnu fuq il-post tax-xogħol li seħħew bejn it-13 ta' Mejju 2016 u t-23 ta' Mejju 2016 u dan ai termini tar-Regolament 20 tar-Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina). Sussegwentement ġara li l-Bord ta' Dixxiplina ġie appuntat sabiex jisma' l-każ tar-rikorrenti u fil-fatt jirriżulta li l-Bord sab lir-rikorrenti ħati tar-reati kollha u ngħata piena ta' tlett ijiem sospensjoni mingħajr ħlas. Ir-rikorrent talab lil Kummissjoni intimata sabiex jappella mid-deċiżjoni tal-Bord pero' l-Kummissjoni b'deċiżjoni datata 4 ta' Jannar 2017 ddeċidiet li r-rikorrent ma rnexxielux jissodisfa r-rekwiżit tar-regolament 30 tar-Regolamenti Dixxiplinarji u għalhekk it-talba tiegħu ġiet miċħuda.*

1. *Illi dwar l-ilmenti tar-rikorrent jiġi rilevat minnufih li dan il-każ bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. L-esponent jirrileva li l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li sabiex jiġi garantit id-dritt għal smigħ xieraq, is-smigħ għandu jsir fi żmien raġonevoli, u jinstema' minn Qorti indipendenti u mparzjali mwaqqfa b'Liġi. L-Artikolu 6 (1) tal-Kap. 319 imur oltre meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'Liġi. Illi minn dawn l-elementi kollha msemmija, ir-rikorrenti lanqas element wieħed ma jelenka jew jilmenta minnu.*

2. *Illi huwa stabbilit anke f'ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq huwa meħtieġ li 1-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Bħala regola, meta wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jokkorru imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996). L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċeduri relattivi għar-rikorrenti li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' proċess ġust u wisq inqas saret xi influwenza lil min kellu jiġġudika.*

3. *Il-proċedura adottata fil-każ in kwistjoni hija regolata b'liġi speċifika u ċioe' mil-Leġislazzjoni Sussidjarja Kost.03 - Regolamenti tal-1999 tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku (Proċedura ta' Dixxiplina) qabel ma ġiet emendata fis-sena 2017. Meta jittieħdu passi dixxiplinarji quddiem il-Bord ta' Dixxiplina l-proċedura adottata hija dik tar-Regolment 20 et sequitur tal-imsemmija Regolamenti. Għandu jirriżulta bl-aktar mod ċar li dawn ir-Regolamenti ġew segwiti b'reqqa u skont il-liġi. Ir-Regolament 23 jimponi fuq il-Bord li jagħti opportunita' xierqa liż-żewġ naħat li jippreżentaw il-każ tagħhom iżda għandu jelimina kull formalita' żejda u jiżgura li l-ġustizzja ssir bil-ħeffa u skond il-merti sostantivi tal-każ. Dwar l-allegazzjoni tar-rikorrenti li x-xhieda instemgħu fl-assenza tiegħu jiġi rilevat li fl-ewwel seduta tas-17 ta' Awissu 2016 hu kien preżenti waqt l-udjenza kollha assistit minn avukat u għalhekk f'dik l-okkazzjoni huwa kellu kull opportunita' li jressaq id-difiża tiegħu kif fil-fatt għamel. Għal dak li ġara waqt s-seduti sussegwenti jingħad li r-rikorrenti għalkemm*

*debitament notifikat naqas ripetutament milli jidher quddiem il-Bord. Issir referenza għal dak li jgħid ir-Regolament 23 (3).*

*Jekk il-Bord ikun sodisfatt li n-notifika tas-smigħ tkun saret, dan jista' jipproċedi bil-każ minkejja n-nuqqas ta' l-uffiċjal akkużat milli jkun preżenti jekk, meta jkun qies iċ-ċirkostanzi kollha, inkluż l-ħtiġijiet tar-regolament 22, il-Bord ikun tal-fehma li għandu hekk jipproċedi bil-każ.*

4. *Ġialadarba l-Bord kien sodisfatt li n-notifika tas-smigħ saret, kien għalhekk pjenament ġustifikat li jipproċedi anke fl-assenza tar-rikorrent u dan skond l-imsemmi Regolament.*

5. *Tajjeb li jingħad ukoll li meta r-rikorrent ġie notifikat bl-ittra tas-27 ta' Ġunju 2016 huwa ngħata żmien 10 ijiem tax-xogħol sabiex jagħti r-raġunijiet bil-miktub għalfejn iħoss li mhux ħati tar-reati addebitati lilu. Għalhekk m'huwiex minnu li r-rikorrent ma ingħatax l-opportunita' li jressaq, anke bil-miktub, id-difiża tiegħu.*

6. *Illi parti mill-ilment tar-rikorrent jirrigwarda wkoll l-appell li sar quddiem il-Kummissjoni intimata. Anke hawn issir referenza għar- Regolament 30 (1) li jirrigwarda appelli minn deċiżjonijiet dixxiplinarji. Dan ir-Regolament jistabilixxi li sabiex isir appell mid-deċiżjoni tal-Bord ta' Dixxiplina l-Kummissjoni trid tkun sodisfatta li teżisti waħda miċ-ċirkostanzi elenkati fl-istess Regolament. Fil-każ tar-rikorrent, il-Kummissjoni fid-diskrezzjoni tagħha waslet għad-deċiżjoni illi r-rikorrent ma rnexxilux iġib prova li kien hemm nuqqas ta' osservanza serja tal-proċeduri stabbiliti u li dak in-nuqqas ta' osservanza kien ta' preġudizzju għall-interessi tar-rikorrent, skont regolament 30(l)(c) applikabbli għal każijiet minuri, u għalhekk it-talba tiegħu li jkun hemm appell ġiet miċħuda.*

7. *Illi fil-proċeduri in diżamina fl-ebda ħin u fl-ebda mument ir-rikorrent ma ġie trattat b'mod differenti u lanqas ma jirriżulta li ġie mċaħħad minn xi dritt li meta wieħed iħares lejn il-proċeduri fit-totalita' tagħhom jista' jikkonkludi li ma kienx hemm a fair hearing. Anzi, jirriżulta li l-partijiet kellhom aċċess ugwali għall-Qorti u għall-atti kollha tal-kawża, saru n-notifiki kollha meħtieġa u kull parti kellha l-opportunita' li twieġeb. Jekk ir-rikorrent naqas milli jwieġeb dan kienet unikament għażla tiegħu pero' bħala fatt, id-dritt li jwieġeb ingħata. Bil-fatt li l-Bord u l-Kummissjoni ma tawx raġun lir-rikorrenti żgur li dan waħdu ma jwassalx għal-ksur tal-jedd għal-smigħ xieraq.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

## Provi

3. Rat l-affidavit ta' **Emanuel Caruana**, ippreżentat fil-15 ta' Ġunju 2017 (fol 19) flimkien ma' dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

4. Rat ix-xhieda ta' **Dr Robert Piscopo**, prodott mir-rikorrent u mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2017 (fol 31) u d-dokumentazzjoni minnu ppreżentata.

5. Rat ix-xhieda ta' **Mario Camilleri**, ex-impjegat tal-Kummissjoni dwar is-servizz pubbliku, prodott mir-rikorrenti u mogħtija fit-18 ta' April 2018.

6. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Mario Camilleri illi saret fit-22 ta' Mejju 2018 u rat id-dokumentazzjoni eżebita mir-rikrorenti qabel ix-xhieda ta' l-istess Mario Camilleri. (fol 99 et seq)

7. Rat illi fit-22 ta' Meju 2018 ir-rikorrent iddikkjara illi ma kellux aktar provi x'jippreżenta.

8. Rat ix-xhieda ta' **Josephine Attard**, Compliance Officer tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku, prodotta mill-intimati u illi xehdet fis-17 ta' Ottubru 2018. (fol 113)

9. Rat illi fl-4 ta'April 2019 l-intimati għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

10. Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tar-rikorrenti ippreżentati fit-30 ta' April 2019.

11. Rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta' l-intimati ippreżentati fl-10 ta' Settembu 2019.

12. Rat illi fil-31 ta' Ottubru 2019, din il-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-atti u ddiferiet il-kawża għas-sentenza.

13. Rat illi, minħabba l-egħluq tal-Qrati riżultat tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tagħti s-sentenza tagħha qabel illum.

## Fatti

14. Jirriżulta, mil-provi prodotti, illi r-rikorrent, Emanuel Caruana, huwa impjegat mal-Ministeru għall-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali bħala Detention Service Officer ġewwa l-Marsa.

15. Jirriżulta illi fis-27 ta' Ġunju 2016 inħarġu proċeduri kontra tiegħu quddiem Bord ta' Dixxiplina, kopja ta' liema Ittra ma ġietx ippreżentata lill-Qorti.

16. Jirriżulta illi, fi kliem ir-rikorrenti stess, (fol 19)

> *" .... Mario Schembri, d-direttur fis-27 ta' Ġunju 2016 akkuzani li jien kont tkellimt ħażin, li meta kont xogħol kont ħsilt il-karozza, li kont nawtorizza li jidħlu persuni mingħajr permess fiċ-ċentru tal-Marsa, li waqt li kont inkun xogħol nistad u li f'okkazzjoni minnhom kont tlaqt minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr permess."*

17. Jirriżulta illi fit-3 ta' Awissu 2016, ir-rikorrent, tramite l-konsulent legali tiegħu, kiteb sabiex jindaga dwar x'kienu l-akkużi illi kienu ser jinħarġulu u għarraf illi ma kienx qiegħed jaqbel mal-komposizzjoni tal-Bord tad-Dixxiplina. (fol 33)

18. Jirriżulta illi sussegwentement, fl-4 ta' Awissu 2016, ic-Chairperson tal-Bord tad-Dixxiplina, Josianne Farrugia, irrispondiet bili għarrfet lir-rikorrent bl-akkużi miġjuba kontra tiegħu ossija: (fol 35)

    a. Injora jew naqas li jobdi ordnijiet jew regolamenti
    b. Telaq minn fuq il-post tax-xogħol mingħajr 'leave' jew permess
    c. Kien negliġenti fil-qadi ta' dmirijietu
    d. Dagħa jew uża kliem oxxen jew mhux xieraq.

19. Jirriżulta wkoll illi l-istess Josianne Farrugia għarrfitu illi l-Bord kien ser ikun kompost minn "*uffiċjal tad-dipartiment flimkien ma' żewġt uffiċjali oħra tad-dipartiment mhux konnessi mal-każ ta' dixxiplina*", a tenur tar-Regolamenti tas-Servizz Pubbliku. (fol 35)

20. Jirriżulta illi fis-17 ta' Awissu 2016, saret seduta fejn attenda r-rikorrent assistit min Avukat, u xehed ir-rikorrent, kif ukoll is-Sur Alexander Tortell, Senior Operations Manager tal-AWAS u Anne Marie Pisani, Co-ordinator tal-AWAS.

21. Jirriżulta illi fl-aħħar tas-seduta tas-17 ta' Awissu 2016, il-konsulent legali tar-rikorrent għamel is-sottomissjonijet u, fi kliem ic-Chairperson stess: (fol 83)

    *"eżattament jiena issa se nikteb rapport bil-konklużjonijiet tal-bord, fejn tingħata kopja tiegħu u wara toħroġ id-deċiżjoni ....*

22. Jirriżulta, madanakollu, illi l-Bord tad-Dixxiplina ħass il-ħtieġa illi jerġa' jisma' xi xhieda addizzjonali u, wara illi ottjena l-permess da parte tal-Kummissjoni għas-Servizz Pubbliku sabiex jisma' xhieda addizzjonali, għarraf lir-rikorrent, b'ittra datata 15 ta' Settembru 2016 (mhux eżebita mir-rikorrent), illi kienet ser issir seduta oħra.

23. Jirriżulta, illi, fi kliem ir-rikorrent stess:

    *Jien kont tkellimt ma' l-avukat tiegħi u konna bgħatna ittra fejn konna oġġezzjonajna għal dan, peress li l-każ kien magħluq.*

    *Jidher li kienet inżammet seduta u dak ix-xhud ġdid li kellu jinstema' ma instemax, pero' reġgħet instemgħet ix-xhieda ta' Ann Marie Pisani, xhud li diġa' kienet xehdet fis-seduta preċedenti u li din id-darba il-verżjoni tagħha kienet inbidlet minn dik ta' qabel. La jien u lanqas l-avukat tiegħi ma konna preżenti għal din is-seduta. L-Avukat ma setax jiġi minħabba l-fatt illi kienet short notice għalih.*

24. Jirriżulta illi kopja ta' tali ittra qatt ma ġiet eżebita mir-rikorrent.

25. Jirriżulta ukoll illi attwalment is-seduta saret fl-20 ta' Settembru 2016.

26. Jirriżulta illi fi kliem ic-Chairperson Josianne Farrugia, prodotta mir-rikorrent quddiem dina l-Qorti. (fol 69)

*Għat-tieni seduta Caruana kien infurmat. Nikkonferma li Caruana pero' ma kienx preżenti. Jiena qed niġi mitluba ngħid għaliex Caruana ma kienx preżenti ngħid illi ma nista' ngħid xejn fir-rigward. Mistoqsija illi fil-fatt Caruana ma setgħax jattendi ngħid illi sa fejn naf jien ma riedx jattendi għal-dik l-udjenza. Mistoqsi għaliex ma riedx jattendi ngħid illi jiena ovvjament ma nista' ngħid xejn fir-rigward, kieku nfurmana li ma setgħax aħna konna nbiddlu d-data.*

27. Jirriżulta illi, sussegwentement, il-Bord tad-Dixxiplina reġa' għamel seduta oħra fil-5 ta' Ottubru 2016, fejn instemgħu xi xhieda oħra, u għal darba oħra ma attendiex r-rikorrent.

28. Jirriżulta illi r-rikorrent, dwar dina s-seduta kellu dan xi jgħid:

*Imbagħad kien hemm seduta oħra fil-5 ta' Ottubru 2016 fejn jien kont imsiefer u la jien u lanqas l-avukat tiegħi ma konna nafu biha. Tant hu hekk li l-'leave' tiegħi sabiex insiefer ġie approvat mid-direttur stess li lanqas infurmani b'din is-seduta.*

29. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi ċ-Chairperson Farrugia kellha dan xi tgħid:

*Mistoqsi jekk Caruana kienx infurmat bl-udjenza tal-ħamsa (05) ta' Ottubru, ngħid iva kien infurmat pero' għażel li jsiefer.*

30. Jirriżulta illi, sussegwentement, fl-10 ta' Ottubru 2016, il-Bord tad-Dixxplina għadda għall-konklużjonijiet tiegħu billi sab lir-rikorrent ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. (fol 21).
31. Jirriżulta illi fit-13 ta' Ottubru 2016 r-rikorrent ġie notifikat b'Ittra Reġistrata li għaliha ffirma r-rikorrent bl-eżitu tad-deċiżjoni tal-Bord kif ukoll b'kopja tad-deċiżjoni innifisha. (fol 84)

32. Jirriżulta, madanakollu, illi, fid-29 ta' Novembru 2016, il-konsulent legali tar-rikorrent kiteb lill Head (Operations) tad-Detention Services fejn għarrfu s-segwenti:

*Il-klijent tiegħi l-ewwelnett qiegħed jinfurmak illi huwa ma rċieva l-ebda deċiżjonti mill-bord tad-dixxiplina u tramite l-ittra tiegħek illi huwa sar jaf b'din id-deċiżjoni illi instab ħati fuq kull akkuża. Il-klijent tiegħi bi ħsiebu jappella din id-deċiżjoni bħalma ovvjament ittih dritt il-liġi.*

*Imma stante dan illi qiegħed ngħid hawn fuq, inti dan injorajtu w ikkomunikajt id-deċiżjoni tiegħek arbitrarjament mingħajr ma ngħata d-dritt illi jappella minn din id-deċiżjoni.*

*Għalhekk, il-klijent tiegħi ser jirraporta għax-xogħol normali sakemm id-deċiżjoni l-ewwelnett tiġi kkomunikata lilu formalment u wara din tiġi appellata skond il-liġi.*

*Sabiex tidderiegi ruħek skond il-liġi.*

33. Jirriżulta illi, fis-6 ta' Diċembru 2016, ir-rikorrent ressaq appell quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fejn talab illi d-deċiżjoni tal-Bord tad-Dixxiplina li ngħatat fil-konfront tiegħu tiġi mħassra u dana stante illi "d-deċiżjoni tmur kontra l-prinċipju ta' ġustizzja naturali", fejn saħaq illi: (fol 53)

> *Illi jidher ċar li l-Bord tad-Dixxiplina injora b'mod assolut dan ir-regolament meta wara li nstemgħu x-xhieda li kienu imħarrka fil-konfront tiegħu u wara li saru s-sottomissjonijet finali ta' l-avukat difensuri tiegħu, il-Bord iddeċieda li jerġa' jiftaħ il-każ mingħajr ma jagħti l-opportunita' lill-appellant li issemma' leħnu fuq il-kwistjoni.*

34. Jirriżulta illi, sussegwentement, fit-3 ta' Jannar 2017, ir-rikorrent ġie mgħarraf illi l-appell ġie miċħud u, permezz ta' email tal-4 ta' Jannar 2017, ir-raġunijiet ġew indikati bħala s-segwenti:

> *The Commission has noted that, in terms of regulation 30 of the Disciplinary Regulations, an appeal for a minor offence can only be considered on grounds of gross disregard of Disciplinary Regulations. To this end, your statement that there has been lack of proof should have been brought to the attention of the Disciplinary Board. Moreover, the Commission has considered that none of the arguments submitted by you concerning alleged disregard of Disciplinary Regulations are valid for the following reasons:*
>
> *a) The alleged disregard of regulation 5 of the Disciplinary Regulations does not invalidate disciplinary proceedings instituted in terms of regulation 20.*
>
> *b) The provisions of regulation 6(1) quoted by your good self are unrelated to your claim that sessions held by the Disciplinary Board after 17 August 2016 had been held in the absence of Mr Caruana and his legal representative. The Disciplinary Board report clearly states that Mr Caruana had been summoned by the Disciplinary to attend the sessions held on 20 September and 5 October 2016, but he had failed to attend. The Commission has noted that the Disciplinary Board had proceeded in terms of regulation 23(3) of the Disciplinary Regulations, stating:*
>
>> *'If the Board is satisfied that notice of the hearing has been given, it may proceed with the case notwithstanding the absence of the officer charged if, taking all circumstances into account, ..., the Board is of the opinion that it ought so to proceed with the case.'*
>
> *c) The allegation that the Head of Department has not given Mr Caruana the opportunity to exculpate himself, is clearly contradicted by the contents of the charge letter dated 27 June 2016.*
>
> *In the circumstances, the Commission has agreed that there has been no gross disregard of the Disciplinary Regulations and consequently no grounds for an appeal in terms of regulation 30(1) (c).*

35. Jirriżulta illi fit-30 ta' Marzu 2017 ir-rikorrent ippreżenta l-azzjoni odjerna fejn talab lill-Qorti sabiex:

> *... tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex tiżgura t-twettiq tad-drittijiet ta' l-esponenti, fosthom li jkollu smigħ xieraq quddiem il-Bord ta' Dixxiplina fosthom illi ssib lill-intimat ħati ta' ksur tas-smigħ xieraq, u konsegwentement tannulla d-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u ta' l-istess Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fiċ-ċirkostanzi tagħti rimedju li jkun opportun.*

**Konsiderazzjoniet Legali**

36. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, r-rikorrenti qiegħed jitlob lill-Qorti sabiex il-proċeduri quddiem il-Bord tad-Dixxiplina jiġu annullati stante illi ma ġiex lilu garantit d-dritt ta' smiegħ xieraq kif garantit mill-Artikolu 6 tal-Kap 319 u Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

37. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati, fid-difiża tagħhom, insistew illi r-regolamenti dwar il-Proċedura ta' Dixxiplina viġenti dak iż-żmien, ossija qabel ma ġew emendati fis-sena 2017, ġew debitament osservati. Fis-sottomissjonijet, l-intimati jinsistu wkoll illi d-deċiżjonijet tal-Kummissjoni huma protetti mill-Kostituzzjoni a tenur tal-Artikolu 115.

38. Dwar id-dritt ta' stħarriġ tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Micheal Borg vs Onorevoli Prim Ministru u Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ottubru, 2017, fejn intqal is-segwenti:

> *Il-ġurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji f'każ ta' stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku huwa limitat u jeskludi stħarriġ abbażi ta' ksur jew allegat ksur tad-drittijiet protetti mill-Artikoli 35 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni.*
>
> *Madanakollu minn rassenja tal-ġurisprudenza nostrana, l-Qrati ordinarji mhumiex preklużi milli jissindikaw il-Kummissjoni ta' nuqqas ta' osservanza tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali. Fi kliem ieħor, il-fatt li f'proċeduri ċivili ma jistgħux jiġu kkunsidrati u determinati kwistjonijiet ta' drittijiet fundamentali, ma jfissirx illi awtomatikament il-Qrati ordinarji huma preklużi milli jissindikaw l-operat tal-PSC.*

39. Il-Qorti, tosserva illi huwa ampjament stabbilit fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, illi anke l-Qrati ordinarji għandhom ġurisidizzjoni sabiex jissindikaw l-operat tal-Kummissjoni. Di fatti, fis-sentenza fl-ismijiet **Veterinarju Dottor Frank Cassar vs Chairman tal-Public Service Commission** deċiża fit-12 ta' Ottubru 1976, kien ġie affermat illi l-Qrati ordinarji għandhom il-ġurisdizzjoni sabiex jaraw:

> *..li l-formalitajiet u proċeduri li jirregolaw il-Kummissjoni u lill-Bord tad-Dixxiplina, fejn il-Kummissjoni stess ħasset il-ħtieġa li għandha tagħmel regoli, jiġu osservati, u tara li kollox isir skont il-liġi... Li kieku ma kienx hekk, il-Kummissjoni kien ikollha poter assolut li wara li tgħid li tintrabat li ser*

*issegwi ċerti proċeduri, twarrabhom u ma tosservahomx kull meta jidhrilha, peress li l-ebda poter ma jkun jista' jissindika dan l-operat.*

40. Jirriżulta wkoll illi fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mattocks vs Dr. Anthony Gruppetta noe et** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2008, intqal dan li ġej:

*Il-PSC mhux ħieles minn skrutinju tal-qrati ordinarji. Il-Qrati tagħna osservaw li l-PSC mhix insindikabbli b'mod assolut, u jekk jiġi allegat li l-PSC ma segwietx ir-regoli ta' proċedura li hi stess tkun għamlet għas-smigħ tal-każi quddiemha ("Cassar vs. Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", eventwalment ċeduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru, 1985), jew jiġi allegat li l-PSC aġixxiet b'mod diskriminatorju ("Galea vs Chairman tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku", deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar, 1985), jew li l-istess PSC aġixxiet bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem ("Attard vs Sant'Angelo noe et", deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru, 1996), allura l-Qorti ordinarja tista' tintervjeni, tissindika u eventwalment tagħti r-rimedju opportun. Din il-Qorti żżid li anke jekk jiġi allegat, fuq livell amministrattiv, li l-PSC aġixxiet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew aġixxiet ultra vires il-poteri tagħha, il-Qrati ordinarji jistgħu u għandhom jintervjenu. Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita` mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'impunita'.*

41. Dwar il-prinċipji ta' ġustizzja naturali msemmija mir-rikorrenti, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **A&J Hili Ta' Miema Limited vs Kummissarju tat-Taxxi Fuq il-Valur Miżjud**, deċiża fl-14 ta' Ottubru 2004, mil-Qorti tal-Appell Ċivili fejn ġie ikkonfermat illi l-ħarsien tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali jista' jiġi eżaminat anke mill-Qrati ordinarji u qalet is-segwenti:

*Din il-Qorti tibda biex tosserva li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, li waħda minnhom huwa l-prinċipju ta' smigħ xieraq, huma prinċipji ta' liġi ordinarja li jistgħu u għandhom jiġu eżaminati u mistħarrġa minn dawn il-Qrati fil-kompetenza ordinarja tagħhom.*

*Il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jitqiesu dejjem materja ta' dritt, anzi ta' dritt pubbliku, u n-nuqqas ta' osservanza tagħhom jagħti mhux biss dritt ta' appell meta dan hu konċess (anke jekk limitatament fuq punt ta' dritt), iżda wkoll għad-dritt ta' review mill-Qrati ordinarji.*

42. Jirriżulta illi tali prinċipju ġie ribadit ukoll fil-każ **Dr. Joseph Cachia Fearne vs Segretarju Permanenti fil-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura et.** deċiża fl-20 ta' Ottubru 2005, fejn il-Qorti qalet li ġej:

*Il-prinċipji tal-ġustizzja naturali jridu dejjem u skrupolożament jiġu osservati minn kull Qorti, Tribunal, Bord jew Kummissjoni maħtura biex tieħu deċiżjoni fir-rigward ta' individwu, u ebda awtorita' mogħnija b'dan il-poter ma tista' twarrab dawn il-prinċipji b'immunita' (ara, per eżempju, il-każijiet*

*"Zammit vs Falzon", deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Marzu, 2003, "Mangion vs Cilia Pisani noe", deċiża minn din il-Qorti fl-20 ta' Mejju, 2004, "De Gaetano vs Awtorita' tal-Ippjanar" deċiża minn din il-Qorti fit-30 ta' Marzu, 2005, u "A J Hili ta' Miena Ltd vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud", deċiża minn din il-Qorti (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru, 2004). Ovvjament, il-prinċipju audi alteram partem, ma jfissirx li l-parti milquta trid bil-fors tinstema', iżda li tingħata l-opportunita' tressaq il-każ tagħha.*

43. Dwar id-dritt ta' smiegħ xieraq, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza **J.E.M Investments Limited vs Avukat Generali** deċiża fit-30 Settembru 2011, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet li ġej:

*23. Illi kif tajjeb osservat il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali), u fuq dan jaqblu l-intimati u anke s-soċjeta` rikorrenti, id-dritt għas-smigħ xieraq ma jiggarantix il-korrettezza tas-sentenzi fil-meritu iżda jiggarantixxi biss l-aderenza ma' ċerti prinċipji proċedurali (indipendenza w imparzjalita` tal-Qorti u tal-ġudikant, audi alteram partem u smigħ u pronunzjament tas-sentenza fil-pubbliku) li huma konduċenti għall-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja. Il-funzjoni tal-Qorti, fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali tagħha, m'hijiex illi tirrevedi s-sentenzi ta' Qrati oħra biex tgħid jekk dawn ġewx deċiżi 'sewwa' jew le, iżda hija limitata għall-funzjoni li tara jekk dawk is-sentenzi kisrux il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni Ewropea.*

*24. Effettivament il-Qorti Ewropea dwar Drittijiet tal-Bniedem dejjem sostniet li:*

*"The question whether proceedings have been 'fair' is of course quite separate from the question whether the tribunal's decision is correct or not. As the Commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula", it has no general jurisdiction to consider whether domestic courts have committed errors of law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings". (Application 6172/73, X v. U.K.)"*

44. Jirriżulta wkoll illi fis-sentenza **Andrew Ellul Sullivan u Charles sive Carmelo Ellul Sullivan vs Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Generali** deċiża fil-31 ta' Ottubru 2008, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

*Għandu jiġi enfasizzat li l-każ odjern ma huwiex appell mid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Il-kompitu ta' din il-Qorti, kif kien ta' l-ewwel Qorti, ma huwiex li teżamina l-proċess kriminali biex tara jekk is-sentenza impunjata għamlitx valutazzjoni korretta tal-provi akkwiżiti fil-proċess, jew jekk dik il-Qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali interpretatx u applikatx korrettement id-disposizzjonijiet li fuqhom kienu msejsin l-imputazzjonijiet. Kieku din il-Qorti kellha tassumi dan il-kompitu, hija tkun qiegħda tqiegħed lilha nnifisha bħala qorti tat-tielet grad. Ċertament din il-Qorti qatt ma ngħatat din il-mansjoni u din il-ġurisdizzjoni. Minflok, il-kompitu ta' din il-Qorti huwa li teżamina l-proċess kriminali u partikolarment is-sentenza impunjata bl-iskop li tistabbilixxi jekk dak il-proċess, ikkonsidrat fl-assjem tiegħu, kienx ta' smigħ xieraq lill-akkużati u kienx wieħed "fair" billi*

*partikolarment jiġi stabbilit jekk id-drittijiet fondamentali ta' l-appellanti msemmija fir-rikors promotur dwar il-preżunzjonijiet hemm riferiti u dwar id-dritt li jkunu ġudikati minn Qorti imparzjali, kienx skrupolożament osservat.*

45. Kif josserva l-awtur Stefan Trechsel fil-ktieb tiegħu **Human Rights in Criminal Proceedings** (Oxford University Press, 2005):

*The guarantee of a fair trial is "only" a procedural guarantee, designed to secure "procedural justice" rather than "result-orientated justice", i.e. a decision or judgment based on the true facts and the correct application of the law.*

46. Finalament, il-Qorti tosserva illi fil-każ **Sisojeva and Others vs Latvia**, il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi.

*"The question whether the proceedings have been "fair" is of course quite separate from the question whether the Tribunal's decision is correct or not. As the commission has frequently pointed out under its so called "fourth instance formula" it has no general jurisdiction to consider whether domestic court have committed errors of Law or fact, its function being to consider the fairness of the proceedings."*

47. Il-Qorti tosserva illi, kif ben ġie osservat fil-kawża '**Etienne Merlevede vs Avukat Generali**' deċiża fil-15 ta' Diċembru 2015,

*There is a wealth of jurisprudence of the European Courts of Human Rights with regards to the meaning and essence of the right to a fair trial, and the concept of a fair trial is deemed to include the right to access to Court, the right to equality of arms, the riġht to produce evidence and witnesses and to cross examine all witnesses, the riġht to a public hearing and the right of public delivery of the judgement.*

## Konsiderazzjoni finali

48. Tenut kont tal-fatti kif fuq elenkati kif ukoll l-insenjament kif fuq stabbilit, il-Qorti ser tgħaddi biex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha.

49. Il-Qorti, l-ewwel u qabel kollox, tosserva illi għalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi huwa qatt ma rċieva d-deċiżjoni finali tal-Bord tad-Dixxiplina, u ipprotesta dan permezz ta' Ittra ossija email tal-konsulent legali tiegħu datata 29 ta' Novembru 2016 (fol 47), a kuntrarju ta' dak minnu dikjarat, attwalment huwa kien irċieva kopja ta' tali deċiżjoni, u dina f'Ittra datata 13 ta' Ottubru 2016, indirizzata lil Mario Schembri minn Josianne Farrugia, Chairperson tal-Bord tad-Dixxiplina, liema Ittra intbagħtet bil-Posta Reġistrata lill-istess rikorrenti fit-13 ta' Ottubru 2016 (fol 84).

50. Il-Qorti tagħmel referenza għal tali fatt, stante illi jidher ċar illi tali kontradizzjoni tal-fatti li dwaru jinsisti r-rikorrent jimminaw serjament il-kredibbilita' tar-rikorrent fl-argumenti u l-fatti kif minnu esposti quddiem dina l-Qorti.

51. Di fatti, il-Qorti tosserva illi r-rikorrent jistqarr illi huwa ma attendiex għal tnejn mit-tlett seduti illi saru mill-Bord tad-Dixxiplina, ossija dik tal-15 ta' Settembru 2016 u dik tal-5 ta' Ottubru 2016.

52. Ir-rikorrent jikkontendi illi, dwar is-seduta tal-15 ta' Settembru 2016, il-konsulent legali tiegħu bagħat ittra fejn oġġezzjona għas-seduta filwaqt illi saħaq illi s-seduta kienet "*short notice*" għall-konsulent legali tiegħu – kopja ta' tali Ittra ma ġiet ippreżentata fl-ebda stadju tal-proċeduri odjerni.

53. Madanakollu, c-Chairperson Josianne Farrugia, fix-xhieda tagħha, stqarret illi r-rikorrent ma riedx jattendi għal tali seduta filwaqt illi żiedet tgħid illi "*kieku infurmana li ma setgħax, aħna konna nbiddlu d-data.*"

54. Ir-rikorrenti, imbagħad jikkontendi illi dwar it-tieni seduta, ma kienx infurmat għax kien imsiefer, filwaqt illi jallega illi d-direttur tiegħu ma għarrfux – tali Direttur, li jidher li r-rikorrenti ma kellux impressjoni tajba wisq tiegħu, qatt ma ġie prodott quddiem dina l-Qorti sabiex jikkonferma jew jiċħad tali fatt.

55. Mill-banda l-oħra, ċ-Chairperson Josianne Farrugia, fix-xhieda tagħha, tikkonferma illi r-rikorrent kien mgħarraf bis-seduta "*però għażel li jsiefer*".

56. Il-Qorti tosserva illi, filwaqt illi huwa minnu illi l-Bord tad-Dixxiplina semgħet xhieda fl-assenza tar-rikorrent, u dana fis-seduti kemm tal-20 ta' Settembru 2016 u tal-5 ta' Ottubru 2016, jidher żar illi n-nuqqas tal-preżenza tar-rikorrent u tal-avukat tiegħu ma kienx nuqqas attribwibbli għal xi azzjoni da' parte tal-Bord tad-Dixxiplina, iżda unikament minħabba nuqqas tar-rikorrent illi jassikura ruħu li jipproteġi d-drittijiet tiegħu billi jattendi u jagħmel il-każ tiegħu filwaqt illi jagħmel domandi lix-xhieda li jittellgħu.

57. Ħareġ ċar, mill-assjem tal-provi, illi ir-rikorrent naqas milli jiddefendi lilu nnifsu, u minflok għażel illi ma jattendix għas-seduti fejn inġabru provi kontra tiegħu, darba minnhom għax il-konsulent legali tiegħu ma kellux ħin jattendi u darba oħra għax ried isiefer.

58. Għalhekk, il-Qorti tqis illi ma jistax r-rikorrent jikkontendi illi nkisirlu d-dritt ta' smigħ xieraq fil-proċeduri ta' dixxiplina quddiem il-Bord tad-Dixxiplina, stante illi attwalment kien huwa stess illi abdika mid-dritt tiegħu illi jattendi, u għaldaqstant, il-Bord kien korrett illi jipproċedi bis-smigħ u deċiżjoni tal-każ.

59. Finalment, għal dak illi jirrigwarda l-Kummissjoni tas-Servizz Pubbliku, Jirriżulta illi fil-każ odjern, l-akkużi miġjuba fil-konfront tar-rikorrenti kienu attwalment tali illi jitqiesu korrettament bħala 'minor offence' kif ukoll kienet korretta tikkonkludi illi ma kienx hemm każ ta' nuqqas ta' osservanza serja tar-regolamenti tad-dixxiplina u għalhekk l-istess Kummissjoni kienet korretta tasal għall-konklużjoni illi ma kienx hemm lok illi jitqies l-appell tar-rikorrent.

60. Għaldaqstant, tenut kont ta' dak kollu hawn fuq indikat, il-Qorti ma tistax tikkunsidra favorevolment it-talba tar-rikorrent.

## Konklużjoni

## Il-Qorti

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Wara illi rat is-sottomissjonijet ta' l-abbli difensuri tal-partijiet,

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad** it-talba tar-rikorrenti kif dedotta.

**Bl-ispejjeż** kontra r-rikorrent.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**